MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2013

Avviz Numru. 197/2013

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid Nru. 1690/12 fl-ismijiet:**

**Bajja Investments Limited**

**Vs**

**Kurt Galea Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Kurt Galea Pace fit-3 ta’ Lulju 2013 permezz ta’ liema jitlob ir-revoka u thassir in parte tal-Mandat ta’ Qbid bin-Numru 1690/12 fl-ismijiet “Bajja Investments Limited v. Kurt Galea Pace” a tenur ta’ l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ispejjez u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lilu ghad-danni naxxenti mill-Mandat imsemmi;

Rat id-dokument markat Dok. “A” anness mar-Rikors promotur a fol. 3 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Bajja Investments Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda u konsegwentement titkompla l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid in kwistjoni fil-fond "Villa Fairview" 20 V. Baron Street, Naxxar, stante li: (i) preliminarjament dan huwa t-tieni rikors ghar-revoka li ntalab mir-Rikorrent wara li l-ewwel Rikors tieghu kien gie michud; u li (ii) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent huwa ghadu ma hallasx l-ammont kollu dovut lilha u li ghalih inhareg il-Mandat ta' Qbid in kwistjoni, u t-talba odjerna ma hija xejn ghajr tentattiv ulterjuri da parte tar-Rikorrent biex jostakola l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid in kwistjoni stante li huwa ma hallasx dak kollu minnu lilha dovut;

Semghet ix-xhieda ta' David Sammut moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2013 u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "DS1";

Rat l-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1690/12 fl-ismijiet "Bajja Investments Limited v. Kurt Galea Pace" u rat l-atti ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 12 ta' Ottubru 2010 mahruga mis-socjetà intimata fil-konfront tar-Rikorrent;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-procedura odjerna r-Rikorrent jitlob ir-revoka u thassir in parte tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-Numru 1690/12 fl-ismijiet "Bajja Investments Limited v. Kurt Galea Pace" a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi u senjatament is-subartikolu (1) ta' l-istess jipprovdi li *minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn*

*titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-Ligi*[1].

Il-Ligi ma tghidx x'tista' tkun *raguni valida skont il-Ligi* in bazi ghal liema Mandat Ezekuttiv jista' jigi attakkat u konsegwentement revokat *in toto* jew in parte, hekk kif invece insibu fil-kaz ta' talba ghar-revoka *in toto* jew in parte ta' Mandat Kawtelatorju. Fir-rigward però huwa principju ormai stabbilit li *l-ghan li ghaliha iddahhlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 283A* [illum l-Artikolu 281] *jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra. Illi l-ligi ma tghidx x'tista tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji*[2].

Fil-kaz in ezami r-Rikorrent mhux qed jikkontendi li l-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1690/12 inhareg minn Qorti zbaljata jew li hemm difett fil-forma, izda jikkontesta il-htiega li llum, wara li effettwa diversi pagamenti lis-socjetà intimata u skonthu s-sorte pretiza mill-imsemmija socjetà tinsab kompletament imhallsa, il-Mandat ta' Qbid **kif**

[1] Sottolinear tal-Qorti.
[2] Rikors bin-Numru 287/05 wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 392/05 fl-ismijiet Edward Pace v. Michael Sultana et, deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005.

**originarjament mahrug** jibqa' fis-sehh sakemm it-titolu ezekuttiv tas-socjetà intimata jigi sodisfatt fl-intier tieghu.

Il-Mandat ta' Qbid mertu tal-kontestazzjoni inhareg in segwitu ghal sentenza fl-ismijiet "Bajja Investments Limited v. Kurt Galea Pace" Talba Nru. 978/11 pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-3 ta' April 2012, bis-sahha ta' liema is-socjetà Bajja Investments giet kanonizzata kreditrici ta' Kurt Galea Pace fis-somma ta' €3,336.07, flimkien ma' l-imghax bir-rata ta' 8% dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga mill-imsemmija socjetà kontra d-debitur, u l-ispejjez kemm ta' l-imsemmija ittra ufficjali kif ukoll tal-kawza. In effetti fl-imsemmi Mandat ta' Qbid is-socjetà Bajja Investments Limited talbet l-esekuzzjoni tas-sentenza ghas-sorte ammontanti ghal €3,336.07, ghall-ispejjez ammontanti ghal €365.04 flimkien ma' €41.26 rapprezentanti l-VAT u rriservat l-imghax legali.

Ir-Rikorrent jikkontendi li l-Mandat ta' Qbid kif originarjament mahrug ma ghandux ghalfejn jibqa' fis-sehh fl-intier tieghu ghaliex sa' llum huwa già hallas lis-socjetà intimata is-somma ta' €3,920, b'dana li s-sorte u l-ispejjez mertu tal-Mandat in kwistjoni gew saldati. Huwa jilmenta mill-fatt li nonostante l-hlasijiet minnu effettwati is-socjetà intimata naqset milli tipprezenta Nota ta' Riduzzjoni fl-atti tal-Mandat ta' Qbid in kwistjoni bil-konsegwenza li l-esekuzzjoni ta' l-imsemmi Mandat qed issir fuq l-ammont intier originarjament indikat mis-socjetà intimata. Huwa jikkontendi ghalhekk li *ladarba l-ammont li ghalih qed tintalab l-esekuzzjoni huwa fil-maggor parti tieghu saldat, m'hemmx raguni valida fil-ligi ghaliex l-istess mandat fuq citat m'ghandux jigi revokat in parte minn din il-Qorti fin-nuqqas ta' azzjoni li kienet tispetta lis-socjetà Bajja Investments Ltd li abbuzivament qed thalli l-mandat in toto minghajr ma rregistrat riduzzjoni*.

Is-socjetà intimata da parte taghha tikkontendi li kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, is-sorte dovuta skond il-Mandat ta' Qbid ghadha ma gietx saldata: *l-intimat kien debitur ta' somma akbar u cioè hamest elef*

*ewro (Eur 5,000), mil-liema huwa hallas bilanc u ghalhekk is-sorte fil-mandat ta' qbid huwa tliet elef, tliet mija u sitta u tletin ewro u seba' centezmi (Eur 3,336.07). Irrizulta li mis-sorte tal-mandat huwa hallas akkont u issa sorte biss fadal bilanc ta' elf, u tliet mitt ewro (Eur 1,300), oltre imghaxijiet u spejjez*. Tikkontendi wkoll li r-Rikorrent ghadda biex jintavola dawn il-proceduri semplicement biex jostakola l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid in kwistjoni u dana wara li *l-Marixxal ezekutant infurmah illi stante illi huwa ma kienx qed jottempera ruhu ma' l-ordnijiet tal-Qorti, li awtorizzat il-Qbid taht titolu ezekuttiv, kienet ser tingieb l-assistenza tal-Pulizija.*

Mill-kontenut kemm tar-Rikors promotur kif ukoll tar-Risposta huwa evidenti li l-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti hija wahda primarjament ta' konteggi, ossia xi thallas mir-Rikorrent lis-socjetà intimata s'issa u x'ghadu minnu dovut lill-imsemmija socjetà. Din il-kwistjoni però issib is-soluzzjoni taghha fix-xhieda li ta David Sammut waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2013.

Mix-xhieda ta' David Sammut, liema xhieda ma tirrizultax kontradetta anzi giet ikkorroborata bid-dokumentazzjoni relattiva[3], jirrizulta li in segwitu ghas-sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u ghall-hrug tal-Mandat ta' Qbid in kwistjoni, u senjatament f'Novembru ta' l-2012, intlahaq ftehim bil-miktub bejn is-socjetà intimata u r-Rikorrent dwar il-modalità tal-hlas tas-somma ta' €5,000 li l-istess Rikorrent gie ikkundannat ihallas lis-socjetà intimata bis-sahha ta' l-imsemmija sentenza[4]. Sammut spjega li s-somma ta' €5,000 tikkonsisti fis-sorte fl-ammont ta' €3,336.07, fl-ispejjez relattivi ghall-kawza u ghall-Mandat ta' Qbid u fl-imghax fuq is-sorte li lahaq iddekorra sa' dakinhar tal-firma ta' l-iskrittura privata. Spjega wkoll li s'issa r-Rikorrent effettwa diversi pagamenti komplessivament ammontanti ghal €3,620 u fadal bilanc ta' €1,380 li baqa' ma thallasx ghaliex ic-*cheques* provduti mir-Rikorrent gew *referred to drawer*

---

[3] Dok. "DS1" esebit mill-istess David Sammut u Dok. "A" anness mar-Rikors promotur.
[4] Dok. "DS1".

peress illi ma kienx hemm flus fil-kont li minnhom inhargu dawk ic-*cheques*.

Minn din ix-xhieda, li jigi ribadit ma gietx kontradetta mir-Rikorrent u anzi tirrizulta korroborata mid-dokumentazzjoni relattiva[5], jirrizulta li llum s-socjetà intimata ghadha **kredtrici kanonnizzata** tar-Rikorrent fl-ammont ta' **€1,380**, liema ammont effettivament jirrzpprezenta parti mill-imghax dovut fuq is-sorte ta' €3,336.07 **u** l-ispejjez relattivi ghall-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-kawza u ghall-Mandat ta' Qbid[6]. Dan ifisser ghalhekk li l-Mandat ta' Qbid bin-Nurmu 1690/12 fl-ismijiet "Bajja Investments Limited v. Kurt Galea Pace" ghandu jibqa' fis-sehh u jigi debitament esegwit izda dana **limitatament fuq l-ammont ta' €1,380 li huwa l-ammont li ghadu dovut mir-Rikorrent lis-socjetà intimata**.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat u partikolarment fid-dawl ta' dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-precitata decizjoni ghar-Rikors bin-Numru 287/05 wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 392/05 fl-ismijiet Edward Pace v. Michael Sultana et, moghtija fil-5 ta' Mejju 2005, dwar ic-cirkostanzi meta Mandat Ezekuttiv jista' jigi revokat *in toto* jew in parte a tenur ta' l-Artikolu 281 (originarjament 283A) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma li strettament dan mhux kaz ta' revoka in parte tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1690/12, ghaliex kif inghad l-istess Mandat ma nharigtx minn Qorti zbaljata jew fih xi difett fil-forma, izda huwa iktar kaz fejn is-socjetà intimata ghandha tirregistra d-debita riduzzjoni fl-ammont minnha pretiz bis-sahha ta' dan l-istess Mandat biex b'hekk l-esekuzzjoni issir fir-rigward ta' l-ammont li attwalment ghadu dovut – ossia fuq l-ammont ta' **€1,380** – u mhux fuq

[5] Dok. "DS1" esebit mill-istess David Sammut u Dok. "A" anness mar-Rikors promotur.

[6] €3,336.07 + €548.40 [imghax kalkolat mit-12 ta' Ottubru 2010 sa' l-1 ta' Novembru 2012, peress illi d-data ezatta f'Novembru meta giet iffirmata l-iskrittura ma rrizultatx] + €406.30 [spejjez relattivi ghall-kawza skond taxxa mahruga mir-Registru] + €53.58 [spejjez tal-Mandat minghajr ma' ittiehdu in konsiderazzjoni d-drittijiet ta' l-Avukat u tal-Prokuratur Legali u l-VAT relattiva] = €4,344.35 – li minnhom thallsu €3,620.

l-ammont originarjament iddikjarat li llum jinsab in parte imhallas.

Fil-fehma tal-Qorti din ir-riduzzjoni tikkostitwixxi rimedju effettiv fil-konfront tar-Rikorrent ghall-pregudizzju li jikkontendi li qed isofri fid-dawl tal-fatt li *s-socjetà Bajja Investments Limited naqset li tressaq nota ta' riduzzjoni fl-atti ta' dan il-mandat biex b'hekk xorta wahda qed issir ezekuzzjoni ghall-ammont tas-sorte, spejjez u imghaxijiet kif originarjament indikat, li qed iwassal ghal sitwazzjoni irragonveoli b'tali mod li s-socjetà Bajja Investments Limited qed tinsisti fuq ezekuzzjoni ta' ammont li fil-maggoranza tieghu gja thallset tieghu.*

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti filwaqt li tichad it-talba ghar-revoka in parte tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1690/12 fl-ismijiet "Bajja Investments Limited v. Kurt Galea Pace" a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li fi zmien jumejn mid-data ta' dan id-Digriet is-socjetà intimata tipprezenta fl-atti ta' l-imsemmi Mandat ta' Qbid Nota ta' Riduzzjoni li biha tirriduci l-ammont minnha originarjament pretiz ghall-ammont ta' €1,380, li huwa l-bilanc lilha attwalment dovut mir-Rikorrent.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------